Servizz Speċjali Sena Pawlina - 1

# Appostlu bla Kantunieri?!



kitba ta' MONS SALV GRIMA

Pawlu ta' Tarsu minn eta' żgħira daħal b'ħiltu kollha biex jieħu l-aħjar formazzjoni fi żmienu. Fl-iskola ta' Gamaljel f'Ġerusalemm ma baqax lura milli jistħarreġ fil-fond fl-iktar regoli stretti tal-Liġi ta' missirijietu.

Kienet ħeġġa li nibtet f'Pawlu bħala Lhudi, u anki għax il-familja tiegħu setgħet tgħin. Kif kiteb Ġużepp Flavju li, aktar minn kull ambizzjoni oħra, l-ikbar impenn tal-ġenituri kien fl-edukazzjoni ta' l-ulied u sintendi biex jiġi mħares il-wirt li għaddewlhom ta' qabilhom.

Huwa tgħallem bl-amment u bid-dettalji kulma kien hemm fil-Liġi ta' Mosè. Mhux ta' b'xejn li sa mill-antik iġibuh bix-xabla u l-ktieb f'idejh - barra mill-fatt ukoll li għadda mill-martirju tal-qtugħ ir-ras, wara li kiteb lil diversi komunitajiet li kien nissilhom fil-fidi tal-Vanġelu tul il-vjaġġi tiegħu.



"San Paolo fuor le Mura" f'Ruma fejn jinsab il-qabar ta' San Pawl

Ma riedx jistagħna fl-intellett u l-għerf għal xi gost tiegħu personali, biex iħossu kburi jew stmat, daqskemm biex jitħeġġeġ iktar ħalli jipprattika bla biża' t-twemmin li kien irċieva, akkost ta' sagrifiċċji kbar, imma għal "Alla" li lilu ried iservi.

Kienet ċirkostanza ta' ħeġġa simili meta nqabad fit-triq ta' Damasku, imma fejn ukoll għaraf is-sejħa ġdida li saritlu u minn dakinhar beda triq xejn inqas iebsa għax ġie maħtuf mill-qawwa tal-grazzja ta' Kristu.

Minn hemm Pawlu dawwar l-enerġija kollha tiegħu kontra sħabu li ħadem magħhom qabel, allura b'sogru ikbar u kontinwu għal ħajtu, basta ma jittradixxix id-dawl il-ġdid li mtela' bih. Ma setgħax ikun ambigwu fi kliemu jew f'għemilu.

Kien jistma lilu nnifsu bħala l-iżgħar fost l-appostli, imma xorta waħda qata' figura soda kull fejn sab ruħu, u mhux mingħajr persekuzzjoni u oppożizzjoni ħarxa anki minn dawk ta' ġewwa, sew Lhud u kemm insara.

Il-Bxara t-Tajba ta' Kristu xandarha bla kompromessi u b'forza. Kienet imsieħba b'argumenti sodi bħas-soltu, u ma setgħax jonqos ladarba kien imħarreġ tajjeb f'kulturi oħrajn ta' żmienu. Anki lil dawn wera l-bżonn li jindirizzahom lejn il-verità u s-sewwa tat-twemmin nisrani.

B'wiċċu minn quddiem wissa kemm-il darba, mill-kbar saż-żgħar, u affronta bil-qawwa imġibiet diżordinati li sar jaf bihom kull fejn wassal il-Vanġelu.

Lanqas ma ħassu inferjuri quddiem kulturi barranin li setgħu jitgerrxu jekk iħabbrilhom



Il-Bażilika Maġġuri ta’ “San Paolo fuor le Mura” f’Ruma, iċ-ċentru mondjali taċ-ċelebrazzjonijiet tas-Sena Pawlina

lil Kristu Msallab u miegħu għarfien nobbli ieħor li seta’ jpoġġihom fi kriżi x’jaqbdu jagħmlu.

Ħabbat wiċċu ma’ l-awtoritajiet ċivili ta’ żmienu f’iktar minn post wieħed. Għall-isem ta’ Kristu ħassu xxurtjat li jkun arrestat u fil-ktajjen u b’sentenzi oħra ta’ qrati. Anki jekk mistmerr minn dawk li baqgħu konvinti fit-twemmin lhudi u fit-tradizzjonijiet li riedu jimponu fuq dawk li għaddew għall-fidi fi Kristu.

Ma kienx jaqa’ għat-tentazzjoni ta’ xi rikatt jew qtigħ il-qalb ladarba kollox sar knis għalih, tant li mhux hu ħassu jgħix imma Kristu li kien qed jgħix fih.

Jekk f’tempesti ta’ kull xorta, mill-bnedmin jew mill-ibħra u xmajjar, Pawlu baqa’ dejjem jara l-id tal-providenza ta’ Alla, ladarba kollox jiġi mogħti lilna għall-ġid tagħna. Kien jaf ukoll li xi darba kollox jiġi fi tmiemu fuq l-art. Basta l-atleta jkun ġera l-ġirja kollha biex jikseb kuruna li qatt ma titbiel.

Pawlu ma għamilx għajb lill-Imgħallem tiegħu meta bħalu baqa’ jaffronta sa l-aħħar strutturi żbaljati ta’ żmienu u tkellem b’wiċċu minn quddiem f’konfront ma’ Ċesari, l-ogħla setgħa f’idejn il-bnedmin, u ma’ kull awtorità lhudija li deher quddiemha.

Wasal biex jegħleb kull xorta ta’ fruntieri, mhux biss dawk ġeografiċi, imma anki dawk tradizzjonali, intellettwali, aristokratiċi jew tal-prepotenti. Xejn inqas li jegħleb id-distanza tal-baħar li artna kienet imfixkla biha, biex gżiritna setgħet isservi ta’ pont importanti tul is-sekli għat-twemmin nisrani f’artijiet oħra.

X’hemm x’iżommu llum milli jkompli joffri sfida lin-nies tal-gżira, biex l-ewwel huma, u mbagħad minn fosthom, joħorġu oħrajn li bħalu jsemmgħu l-Bxara t-Tajba f’kulturi oħra mxerrda fl-Ewropa, xi ħaġa tant mixtieqa u li wassalhielna l-Papa Ġwanni Pawlu II tul iż-żjara tiegħu fostna fl-1990?

Xi ħaġa simili qed iħeġġiġna llum il-Papa Benedittu XVI meta qed naraw li fostna żdiedu dawk ta’ oriġini, reliġjon jew drawwa barranija. “Jalla s-Sena Pawlina jkollha effett fuq ir-realtà ekumenika għax kien l-appostlu tal-ġnus, biex iwassal il-Bxara t-Tajba lill-popli kollha, tant li ngħata għal kollox biex ixerred l-għaqda u l-ftehim ta’ l-insara kollha, xi ħaġa li tista’ tiżviluppa f’unità sħiħa fost il-membri kollha tal-Ġisem Mistiku ta’ Kristu” (28 ta’ Ġunju 2007).

Jekk għal żmienu kien Appostlu b’karattru bla kantunieri, Malta ta’ Pawlu għandha tħossu ġieħ tagħha kemm-il darba tibqa’ tgħożżu bħala l-missier li nissilha fil-fidi u fuq l-eżempju u t-tagħlim tiegħu tirreżisti bla biża’ kull theddid

